1 ta' Frar, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Calcedonio Ciantar *versus* Carmelo Mallia ne.**

**"War Damage Commission — Kwistjoni ta' Dritt — Appell.**

*Il-kwezit jekk il-War Damage Commission tistax jew le terġa' lura minn deċiżjoni li tkun ħadet hija stess jikkostitwixxi punt ta' dritt li jirrendi dik id-deċiżjoni appellabili.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Calcedonio Ciantar quddiem din il-Qorti, fejn, wara li espona li bi 'claim' nru. 12328/1496/1943 għamel domanda quddiem il-War Damage Commission għar-rigward tal-ħsarat tal-gwerra li ivverifikaw ruħhom fil-fond ta' proprjetà tiegħu fi Sqaq Sannat, il-Marsa, li kien ġie totalment distrutt bil-ħidma tal-għadu; li fit-8 ta' Novembru 1949 l-esponenti ssottometta lill-War Damage Commission l-iskeda tax-xogħlijiet, li ġiet approvata mill-Kummissjoni, u l-''permissible amount'' ġie stabbilit fis-somma ta' *£3043. 4. 0, mhix kompriża l-ispiża tat-taħmil tal*-bir u tal-kxif tal-pedamenti; li fit-18 ta' Jannar 1950 il-Professur Terreni għamel aċċess fuq il-post, ħa l-informazzjoni minn għand dawk li kienu l-inkwilini tal-post u ra kif kienu l-pedamenti, u in segwitu, fil-31 ta' Jannar 1950 (dok. A) il-Kummissjoni infurmat lill-esponent li approvat l-iskeda, stabbiliet il-''permissible amount'' fuq imsemmi, u avżat lill-esponent li mill-kreditu li kien ġie miftuħ it-Teżorier tal-Gvern ma kellux iħallas aktar minn 65 fil-mija, u talbet lill-perit ta' l-esponenti jissottometti pjanta ta' l-alterazzjonijiet li kien fi ħsiebu jagħmel fil-bini u jgħid jekk il-proġett il-ġdid hux ser jiswa iżjed jew anqas mill-oriġinali; u tlitt ijiem wara l-perit bagħat il-pjanta u l-informazzjonijiet rikjesti lill-Kummissjoni; li però, fil-25 ta' Marzu 1950, l-esponenti rċieva ittra (dok. B) mill-Kummissjoni biex tinfurmah illi ssospendiet l-istruzzjonijiet lit-Teżorier biex iħallas, u kienet qiegħda tikkunsidra jekk il-każ kienx jaqa' taħt section 20 (2) tal-War Damage Ordinance; li meta rċieva din l-ittra *l-esponent kien diġà nefaq £2149. 4. 8* fix-xogħlijiet; li fit-18 ta' April 1951 il-Kummissjoni infurmat lil Calcedonio Ciantar li, in vista tan-natura tal-bini li qed jinbena, il-''claim'' ta' l-esponenti tikkwalifika għal ''value payment'' kif provdut fis-section 20 (2) ta' l-imsemmija Ordinanza, u mhux għal ''cost of works payment'' (dok. C); li huwa jħossu aggravat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u għalhekk qed jagħmel dan l-appell; li l-aggravju huwa manifest; u infatti l-Kummissjoni kienet diġà ddeċidiet it-tip tal-pagament li kellu jsir u kienet taf bl-alterazzjonijiet li kellhom isiru, kif jirriżulta ċar mill-ittra tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 1950, il-pjanta kienet f'idejn il-Kummissjoni mill-bidu ta'

Frar 1950, u intant damet sal-25 ta' Marzu 1950, ċjoè xahrejn, b'ex tavża lill-esponenti li kienet qiegħda terġa' tirrivedi l-każ; il-Kummissjoni, bħal kwalunkwe tribunal ieħor, ma tistax tmur lura fuq id-deċiżjoni li tagħti, u dan molto pjù meta l-privat kien baqa' miexi fuq deċiżjoni li tkun tat il-Kummissjoni, billi b'dan il-mod il-Kummissjoni tippreġudika serjament lil dak li jkun, kif jista' jiġri fil-każ preżenti, li kellha tgħaddi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni; li barra minn dana, l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet bażata fil-liġi, billi l-kriterju jekk għandux isir "cost of works payment" jew "value payment" mhux dak li jiddependi minn alterazzjonijiet strutturali, imma milli jekk ikunx ekonomikament vantaġġjuż jew le illi l-post jiġi rikostruwit (section 19 kif emendata bl-Ordinanza XVII ta' l-1944); infatti huwa espressament stabbilit illi l-Qorti tagħti "cost of works payment" anki meta jkun hemm alterazzjonijiet, u l-espressjoni "permissible amount" tfisser l-ammont jew li realment jikkorrispondi għax-xogħlijiet li jkunu saru jekk il-post jinbena tale quale, jew għall-ispiża tax-xogħlijiet kieku l-post sejjer jinbena bħal ma kien (section 19 (1) (6), dana illi jfisser li l-post mhux sejjer jinbena bħal ma kien; li inoltri, l-esponent ma għamelx alterazzjonijiet radikali fin-natura tal-post; dana kien post adibit għar-razzett biex isemmen u jbiegħ il-bhejjem, u kif inhuwa jista' liberament iservi tajjeb għall-istess skop; u talab illi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 1951 tiġi revokata, u jiġi deċiż illi l-esponenti għandu d-dritt għall-"cost of works payment" kif likwidat mill-Kummissjoni fil-31 ta' Jannar 1950. Bl-ispejjeż kontra l-intimat;

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni preliminali ta' l-inappellabilità;

***Omissis;***

Illi, kif jidher mid-dokumenti eżibiti, b'ittra tal-31 ta' Jannar 1950 (fol. 8), l-appellat nomine għarraf lill-appellant li x-"schedule of works" mibgħuta mill-perit tiegħu fit-8 ta' Novembru 1949 fuq il-"claim" li kien jirrigwarda l-fond "Farmhouse" Sqaq Sannat, Cross Road, Marsa, kien ġie eżaminat mill-Kummissjoni, li illikwidat il-"permissible amount" fis-somma ta' £3043, kif fl-istess dokument imfisser, u għal din is-somma ġiet mogħtija awtorizzazzjoni lit-

*Teżorier* tal-Gvern li jiftaħ kreditu favur l-appellant. B'ittra posterjuri tal-25 ta' *Marzu* 1950 (*fol.* 4) il-Kummissjoni għarrfet lill-appellant li, minħabba alterazzjonijiet radikali u strutturali li kien fi ħsiebu jagħmel fil-fond, it-*Teżorier* gie mwissi li ma jagħmelx ħlasijiet mill-"open credit" fuq imsemmi sakemm ikollu ordnijiet oħra mill-Kummissjoni, li kienet qiegħda tikkunsidra jekk il-każ kienx jaqa' taħt is-sezzjoni 20 (2) (a) tal-War Damage Ordinance. B'ittra oħra tat-18 ta' April 1951 (fol. 5) l-appellant gie *infurmat* li l-Kummissjoni, minħabba n-natura tal-bini li kien qiegħed jigi kostruwit, iddecidiet li l-"claim qualifies for a value payment *as provided in section 20 of the* War Damage Commission". Kontra din id-deċiżjoni sar dan l-appell;

Illi bl-imsemmija deċiżjoni tat-18 ta' April 1951 il-Kummissjoni reġgħet lura mid-deċiżjoni tagħha preċedenti tal-31 *ta' Jannar* 1950 (fol. 3), u virtwalment ħassret din l-aħħar *deċiżjoni*. L-appellant *isostni li* l-Kummissjoni *ma* setgħetx tagħmel hekk, billi kienet marbuta bid-deċiżjoni tagħha preċedenti, speċjalment minħabba *l-fatt li* huwa kien mexa fuq din id-deċiżjoni u eroga spejjeż konsiderevoli. Fi ftit kliem, il-kweżit involut f'dan l-appell huwa jekk il-Kummissjoni setgħetx tirritorna "super decisis" kif għamlet; u ma jistax ikun hemm dubju li dana huwa punt ta' dritt li jirrendi appellabili l-imsemmija *deċiżjoni* tat-18 *ta'* April 1951, skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 24 (6) ta' l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra;

Għaldaqshekk;

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità opposta mill-appellat nomine; bl-ispejjeż kontra tiegħu.